KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fit-30 ta' Ġunju 2016[1]

Kawża C-424/15

Xabier Ormaetxea Garai,
Bernardo Lorenzo Almendros
vs
Administración del Estado

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (qorti suprema, Spanja)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2002/21/KE — Settur tat-telekomunikazzjonijiet — Netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi — Awtoritajiet regolatorji nazzjonali — Rekwiżit ta' indipendenza — Awtonomija istituzzjonali tal-Istati Membri"

1. Permezz ta' din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, fl-ewwel lok, mitluba teżamina l-kwistjoni, fid-dawl tal-awtonomija istituzzjonali li minnha jgawdu l-Istati Membri f'dan il-qasam, dwar x'marġni ta' manuvra huma jgawdu minnha għall-finijiet tal-organizzazzjoni u tar-ristrutturazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (iktar 'il quddiem l-"ARN") tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija, fit-tieni lok, mistoqsija dwar il-kwistjoni jekk it-terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol tal-president u ta' kunsillier ta' ARN qabel ma jintemm il-mandat tagħhom, wara riforma istituzzjonali li jkollha bħala riżultat l-amalgamazzjoni ta' dik l-ARN ma' awtoritajiet regolatorji oħra, twassalx għall-ksur tal-garanzija tal-indipendenza ta' dik l-ARN.

2. F'dan il-każ, il-Gvern Spanjol kien wettaq riforma vasta intiża sabiex ittejjeb l-ekonomiji fil-kobor u sabiex tiggarantixxi approċċ koerenti tar-regolament tal-industriji kollha tan-netwerk billi ġġib flimkien l-organi regolatorji differenti f'organu wieħed multisettorjali. Kien għalhekk li, permezz ta' riforma istituzzjonali, l-ARN fil-kawża prinċipali, jiġifieri il-Comisión del Mercado de las Telecomunicaciones [kummissjoni tas-suq tat-telekomunikazzjonijiet (CMT), Spanja], ġiet amalgamata ma', b'mod partikolari, il-Comisión Nacional de la Competencia (kummissjoni nazzjonali tal-kompetizzjoni, Spanja), il-Comisión Nacional del Sector Postal (kummissjoni nazzjonali tas-settur postali, Spanja) u l-Comisión Nacional de Energía (kummissjoni nazzjonali tal-enerġija). Dik ir-riforma kellha r-riżultat dirett li twassal, b'mod partikolari, għat-terminazzjoni tal-mandat tal-president ta' dik l-ARN u dak ta' wieħed mill-kunsilliera tagħha b'mod antiċipat, mingħajr ma dawk it-terminazzjonijiet tar-relazzjoni tax-xogħol ikunu ibbażati fuq il-motivi limitati previsti mil-liġi Spanjola.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

3. F'dawn il-konklużjonijiet, sejjer nindika li, fil-fehma tiegħi, id-Direttiva 2002/21/KE [2] għandha tiġi interpretata fis-sens li ma topponix l-amalgamazzjoni ta' ARN, fil-kuntest ta' riforma istituzzjonali, ma' awtoritajiet regolatorji oħra, bħalma huma dawk tal-kompetizzjoni, tas-settur postali jew tas-settur tal-enerġija, sakemm il-kompiti li dik id-direttiva tafda lill-ARN ikunu jistgħu jiġu eżerċitati fl-osservanza tar-rekwiżiti u tal-garanziji previsti minnha, ħaġa li għandha tkun il-qorti nazzjonali li tivverifika.

4. Imbagħad, sejjer nesponi r-raġunijiet għalfejn inħoss li l-Artikolu 3(3b) tad-Direttiva-Qafas għandu jiġi interpretat fis-sens li t-terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol tal-president u ta' kunsillier ta' ARN qabel ma jintemm il-mandat tagħhom, wara riforma istituzzjonali li jkollha l-effett li tamalgama dik l-ARN ma' awtoritajiet regolatorji oħra, mingħajr ma jkunu previsti dispożizzjonijiet tranżitorji sabiex jiggarantixxu l-osservanza tal-perijodu tal-mandat għal dak tal-ewwel u organizzazzjoni tal-mandat għat-tieni wieħed, tinvolvi ksur tal-indipendenza ta' dik l-ARN.

I – Il-kuntest ġuridiku

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

5. Id-Direttiva-Qafas tipprovdi qafas leġiżlattiv dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi bl-għan li toħloq kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni effettiva fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet [3].

6. B'mod partikolari, id-Direttiva-Qafas tiffissa l-kompiti imposti fuq l-ARN u l-prinċipji bażi tal-funzjonament tagħhom.

7. L-Artikolu 2(g) tad-Direttiva-Qafas jiddefinixxi l-ARN bħala "[l]-korp jew korpi fdati minn Stat Membru b'xi wieħed mix-xogħlijiet regolatorji assenjati f'din id-Direttiva jew fid-Direttivi Speċifiċi".

8. L-Artikolu 3 tad-Direttiva-Qafas huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull wieħed mix-xogħlijiet assenjati lill-[ARN] f'din id-Direttiva u fid-Direttiva Speċifiċi jitwettaq minn korp kompetenti.

2. L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-indipendenza ta' l-[ARN] billi jassiguraw li jkun[u] legalment distinti minn u funzjonalment indipendenti mill-organizzazzjonijiet kollha li jipprovdu networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, apparat jew servizzi. L-Istati Membri li jżommu l-proprjetà jew jikkontrollaw intrapriżi li jipprovdu networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u/jew servizzi għandhom jassiguraw is-separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjoni regolatorja mill-attivitajiet assoċjati mal-proprjetà jew kontroll..

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-[ARN] jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'mod imparzjali, trasparenti u tempestiv. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-[ARN] jkollhom ir-riżorsi umani u finanzjarji xierqa biex iwettqu d-dmirijiet assenjati lilhom.

3a. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 4 u 5, [ARN] responsabbli għal regolazzjoni tas-suq ex-ante jew għar-riżoluzzjoni ta' disputi bejn impriżi skont l-Artikolu 20 jew 21 ta' din id-Direttiva għandhom jaġixxu indipendentement u m'għandhom jitolbu jew jieħdu struzzjonijiet minn ebda korp fir-rigward tal-eżerċitar ta' dawn il-kompiti assenjati lilhom taħt il-liġi nazzjonali li timplimenta l-liġi

2 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru [qafas] regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru [Qafas]) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol, 29, p. 349), kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU L 337, p. 37 u rettifika ĠU 2013, L 241, p. 8, iktar 'il quddiem id-"Direttiva-Qafas").

3 — Ara l-premessa 1 ta' din id-direttiva.

Komunitarja. Dan ma għandux ifixkel is-superviżjoni skont il-liġi kostituzzjonali nazzjonali. Korpi ta' appell biss stabbiliti skont l-Artikolu 4 għandu jkollhom is-setgħa jissospendu jew idawru deċiżjonijiet mill-[ARN]. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kap ta' [ARN], jew fejn applikabbli, il-membri tal-korp kolleġġjali li jkopri dik il-funzjoni f'[ARN] msemmija fl-ewwel subparagrafu jew is-sostituti tagħhom ikunu jistgħu jitkeċċew biss jekk ma jissodisfawx iktar il-kondizzjonijiet mitluba għat-twettiq ta' dmirijiethom li jkunu stabbiliti minn qabel fil-liġi nazzjonali. Id-deċiżjoni biex jitkeċċa l-kap tal-[ARN], jew fejn applikabbli biex jitkeċċew il-membri tal-korp kolleġġjali li jkopri dik il-funzjoni għandha ssir pubblika fiż-żmien tat-tkeċċija. Il-kap imkeċċi tal-[ARN], jew fejn applikabbli l-membri tal-korp kolleġġjali li jkopri dik il-funzjoni, għandhom jirċievu dikjarazzjoni ta' raġunijiet u għandu jkollhom id-dritt jitolbu l-pubblikazzjoni tagħha, jekk din ma tkunx ser issir, f'liema każ hija tiġi pubblikata.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li [ARN] msemmija fl-ewwel subparagrafu jkollhom baġits annwali separati. Il-baġits għandhom ikunu pubblikati. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-[ARN] jkollhom riżorsi umani u finanzjarji xierqa sabiex ikunu jistgħu jieħdu sehem b'mod attiv fil-Korp ta' Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC), kif ukoll jagħtu l-kontribut tagħhom lil dan il-Korp [4].

3b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għanijiet tal-BEREC fil-promozzjoni ta' koordinazzjoni u koerenza regolatorja akbar huma aappoġġati b'mod attiv mill-[ARN].

3c. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ARN jieħdu kont sħiħ tal-opinjonijiet u l-pożizzjonijiet komuni adottati mill-BEREC meta jadottaw id-deċiżjonijiet tagħhom għas-swieq nazzjonali tagħhom.

4. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw ix-xogħlijiet imwettqa mill-[ARN] f'forma faċilment aċċessibbli, b'mod partikolari fejn dawk ix-xogħlijiet huma assenjati lill-aktar minn korp wieħed. L-Istati Membri għandhom jassiguraw, fejn xieraq, konsultazzjoni u koperazzjoni bejn dawk l-awtoritajiet, u bejn dawk l-awtoritajiet u l-awtoritajiet nazzjonali fdati bl-implimentazzjoni tal-liġi tal-konsumatur, dwar kwistjonijiet ta' interess komuni. Fejn akatr minn awtorità waħda jkollha l-kompetenza li tindirizza dawk il-kwistjonijiet, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li x-xogħlijiet rispettivi ta' kull awtorità jiġu pubblikat f'forma faċilment aċċessibbli.

5. L-[ARN] u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni għandhom jipprovdu lill-xulxin bl-informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u tad-Direttivi Speċifiċi. Dwar l-informazzjoni mibdula, l-awtorità li tirċievi għandha tiżgura l-istess livell ta' kunfidenzjalità bħal ta' l-awtorità li toriġina.

[…]"

9. Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [5], timplementa qafas regolatorju intiż sabiex jistabbilixxi bilanċ bejn livell għoli tal-protezzjoni tal-ħajja privata tal-persuni u l-moviment liberu tad-data ta' natura personali fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

10. Għalhekk, l-Artikolu 28(1) ta' din l-istess direttiva jipprovdi dan li ġej:

"Kull Stat Membru għandu jipprovdi li awtorità pubblika waħda jew aktar ikunu responsabbli tas-sorveljanza tal-applikazzjoni fit-territorju tiegħu tad-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri skont din id-Direttiva.

4 — Regolament (KE) Nru 1211/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009, li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Uffiċċju (ĠU L 337, p. 1).

5 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355.

Dawn l-awtoritajiet għandhom jaġixxu b'indipendenza sħiħa fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet fdati lilhom."

B – *Id-dritt Spanjol*

11. Ir-Real Decreto-Ley 6/1996 de Liberalización de las Telecomunicaciones (Digriet Leġiżlattiv Irjali 6/1996, dwar il-liberalizzazzjoni tat-telekomunikazzjonijiet), tas-7 ta' Ġunju 1996[6], kien stabbilixxa ċ-CMT bħala korp indipendenti inkarigat sabiex jissorvelja l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' kompetizzjoni ħielsa, ta' trasparenza u ta' ugwaljanza fit-trattament u sabiex jarbitra bejn l-operaturi fis-settur.

12. L-Artikolu 13(1) tal-Ley 2/2011 de Economía Sostenible (Liġi 2/2011, dwar l-ekonomija sostenibbli), tal-4 ta' Marzu 2011[7], kien jipprovdi li l-president u l-kunsilliera taċ-CMT għandhom jinħatru mill-gvern, b'digriet irjali adottat fuq proposta tal-ministru kompetenti. Huma kienu jintgħażlu minn fost persuni li l-prestiġju u l-abbiltà professjonali tagħhom kienu magħrufa, wara li l-ministru u l-persuni proposti bħala president u kunsilliera jkunu nstemgħu mill-kummissjoni korrispondenti tal-Congreso de los Diputados (kungress tad-deputati, Spanja) u dan is-smigħ kellu jirrigwarda l-kapaċità tal-kandidati. Is-smigħ tal-president kellu jirrigwarda wkoll il-pjan ta' azzjoni tiegħu fi ħdan l-organu u fuq is-settur irregolat.

13. L-Artikolu 13(2) tal-Liġi 2/2011 kien jindika li l-mandat tal-president u tal-kunsilliera kien ta' sitt snin mingħajr ma jkunu jistgħu jiġu eletti mill-ġdid bħala membri tal-kunsill. Il-kunsilliera kienu jiġġeddu parzjalment sabiex jiġu żgurati l-istabbiltà u l-kontinwità tal-kunsill.

14. Konformement mal-Artikolu 16 ta' dik il-liġi, il-president u l-kunsilliera tal-organi regolatorji seta' jiġi tterminat ir-relazzjoni tax-xogħol tagħhom biss għal numru limitat ta' raġunijiet, jiġifieri r-riżenja, l-iskadenza tal-mandat, is-seħħ *ex post* ta' inkompatibbiltà, il-kundanna għal reat intenzjonali, inkapaċità permanenti jew it-tmiem tal-impjieg deċiż mill-gvern f'każ ta' ksur gravi tad-dmirijiet marbuta mal-kariga jew il-ksur tal-obbligi f'materja ta' inkompabbiltajiet, ta' kunflitti ta' interess u tad-dmir ta' dikrezzjoni. F'dan ir-rigward, it-tmiem tal-impjieg ġie deċiż mill-gvern irrispettivament mis-sanzjoni prevista li setgħat, jekk ikun il-każ, tiġi applikata wara eżami tal-fajl mill-ministru kompetenti.

15. Fil-kuntest tar-riforma li ġiet implementata bil-Liġi 2/2011 sabiex tadatta n-numru tal-membri tal-kunsill tal-organi regolatorji u tal-kummissjoni nazzjonali tal-kompetizzjoni, id-dispożizzjoni addizzjonali disgħa ta' dik il-liġi kienet tipprovdi għal dispożizzjonijiet tranżitorji. Permezz ta' dawn id-dispożizzjonijiet, kien previst, b'mod partikolari, li l-ħatra ta' presidenti ġodda ta' dawn l-organi kellha sseħħ fi tmiem il-mandat tal-presidenti fil-kariga u li l-kunsilliera l-ġodda kellhom jinħatru meta n-numru ta' kunsilliera fil-kariga li l-mandat tagħhom kien sejjer jispiċċa kien ser ikun inqas minn sitta.

16. Fil-premessa tal-Ley 3/2013 de creación de la Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia (Liġi 3/2013, li tistabbilixxi l-kummissjoni nazzjonali tas-swieq u tal-kompetizzjoni), tal-4 ta' Ġunju 2013[8], kien hemm indikat li din kienet intiża sabiex tistabbilixxi l-kummissjoni nazzjonali tas-swieq u tal-kompetizzjoni (CNMC), li kienet ser tiġbor fi ħdanha organi regolatorji differenti jiġifieri l-kummissjoni nazzjonali dwar l-enerġija, iċ-CMT, il-kummissjoni nazzjonali dwar il-kompetizzjoni, il-Comité de Regulación Ferroviaria (kumitat dwar ir-regolazzjoni tal-ferroviji, Spanja), il-kummissjoni nazzjonali tas-settur postali, il-Comisión de Regulación Económica Aeroportuaria (kummissjoni ta' regolazzjoni ekonomika tal-ajruporti, Spanja) u l-Consejo Audiovisual del Estado (kunsill tal-istat dwar ix-xandir, Spanja). Dik il-liġi tħassar l-Artikolu 13 tal-Liġi 2/2011.

6 — BOE Nru 139, tat-8 ta' Ġunju 1996, p. 18973.

7 — BOE Nru 55, tal-5 ta' Marzu 2011, p. 25033, iktar 'il quddiem il-"Liġi 2/2011".

8 — BOE Nru 134, tal-5 ta' Ġunju 2013, p. 42191, iktar 'il quddiem il-"Liġi 3/2013".

17. Konformement mal-Artikolu 6 tal-Liġi 3/2013, iċ-CNMC huwa nkarigat mis-sorveljanza u mill-kontroll tal-funzjonament tajjeb tas-swieq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Dispożizzjonijiet oħra ta' dik il-liġi kienu jinkarigawha, b'mod partikolari, sabiex tippreżerva u tippromwovi b'mod ġenerali l-kompetizzjoni effettiva fuq is-swieq kollha u s-setturi produttivi kif ukoll sabiex tissorvelja u tikkontrolla s-swieq tal-elettriku u tal-gass, is-settur postali, ix-xandir u s-settur ferrovjarju.

18. L-Artikolu 23 tal-Liġi 3/2013 jipprevedi l-istess raġunijiet tat-terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol tal-membri tal-kunsill bħal dawk li jissemmew fl-Artikolu 16 tal-Liġi 2/2011.

19. Bis-saħħa tat-tieni dispożizzjoni addizzjonali tal-Liġi 3/2013, it-twaqqif taċ-CNMC iwassal għat-tneħħija tal-kummissjoni nazzjonali tal-kompetizzjoni, tal-kummissjoni nazzjonali tal-elettriku, taċ-CMT, tal-kummissjoni nazzjonali tas-settur postali, tal-kumitat tar-regolazzjoni ferrovjara, tal-Comisión Nacional del Juego (kummissjoni nazzjonali tal-logħob, Spanja), tal-kummissjoni ta' regolazzjoni ekonimika tal-ajurporti u tal-kunsill tal-istat dwar ix-xandir.

20. Ir-Real Decreto 657/2013 por el que se aprueba el Estatuto Orgánico de la Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia (Digriet Irjali 657/2013, dwar l-adozzjoni ta' statut organiku tal-kummissjoni nazzjonali tas-swieq u tal-kompetizzjoni), tat-30 ta' Awwissu 2013[9], kien ġie ppubblikat fil-31 ta' Awwissu 2013. Permezz tad-digrieti rjali ppubblikati fl-10 ta' Settembru 2013, kienu nħatru l-president u l-kunsilliera taċ-CNMC.

21. Fl-aħħar nett, ir-Real Decreto 795/2013 por el que se dispone el cese de don Bernardo Lorenzo Almendros como Presidente de la Comisión del Mercado de las Telecomunicaciones (Digriet Irjali 795/2013, li jneħħi lil Bernardo Lorenzo Almendros mill-funzjonijiet tiegħu ta' president tal-kummissjoni tas-suq tat-telekomunikazzjonijiet), tal-11 ta' Ottubru 2013[10], kif ukoll ir-Real Decreto 800/2013 por el que se dispone el cese de don Xabier Ormaetxea Garai como Consejero de la Comisión del Mercado de las Telecomunicaciones (Digriet Irjali 800/2013, li jneħħi lil Xabier Ormaetxea Garai mill-kariga tiegħu ta' kunsillier tal-kummissjoni tas-suq tat-telekomunikazzjonijiet), tal-11 ta' Ottubru 2013[11], temmew il-ħatra tal-president u ta' kunsillier taċ-CMT. Dawn iż-żewġ digriet rjali jipprevedu, barra minn hekk, li t-terminazzjonijiet tar-relazzjoni tax-xogħol kellhom effett retroattiv għas-7 ta' Ottubru 2013.

II – Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

22. Fl-10 ta' Marzu 2011, B. L. Almendros u X. Ormaetxea Garai (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti") kienu nħatru rispettivament bħala president u kunsillier taċ-CMT. Wara r-riforma mwettqa mill-Gvern Spanjol, fil-15 ta' Ottubru 2013 kienu ġew ippubblikati d-Digrieti Rjali 795/2013 u 800/2013 li tterminaw ir-relazzjoni tax-xogħol mar-rikorrenti b'effett mis-7 ta' Ottubru 2013.

23. Għalhekk ir-rikorrenti ppreżentaw rikors kontra dawn id-digrieti rjali. Huma jqisu li dawn kienu tterminaw il-karigi tagħhom qabel ma ntemmet il-ħatra tagħhom mingħajr ma kienet tissussisti xi raġuni legali għat-terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol tagħhom. Huma jargumentaw ukoll mill-fatt li l-adozzjoni tagħhom ma kinitx preċeduta minn xi proċedura dixxiplinarja u lanqas min-notifika tal-motivi lir-rikorrenti, u dan bi ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3b) tad-Direttiva-Qafas.

24. It-Tribunal Supremo (qorti suprema, Spanja) tippreċiża wkoll, li, permezz tal-ittra tal-4 ta' Novembru 2013, ilment li jsemmi l-ksur ta' dik id-dispożizzjoni kien ġie ppreżentat minn wieħed mir-rikorrenti quddiem il-Kummissjoni Ewropea, ilment li kien ġie rreġistrat.

9 — BOE Nru 209, tal-31 ta' Awwissu 2013, p. 63623.

10 — BOE Nru 247, tal-15 ta' Ottubru 2013, p. 83736.

11 — BOE Nru 247, tal-15 ta' Ottubru 2013, p. 83741.

25. Peress li kellha xi dubji dwar l-interpretazzjoni li kellha tingħata lid-dritt tal-Unjoni, it-Tribunal Supremo (qorti suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) L-interpretazzjoni tad-[Direttiva-Qafas] tippermetti li jitqies li, mill-perspettiva tal-ħarsien effettiv tal-interessi ġenerali li għandu jiġi ggarantit mill-awtorità nazzjonali regolatorja [fil-qasam ta' netwerks u tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi], il-ħolqien mil-leġiżlatur nazzjonali ta' awtortià regolatorja u ta' superviżjoni bbażata fuq mudell istituzzjonali mhux speċjalizzat, li jgħaqqad taħt organu wieħed l-awtoritajiet ta' superviżjoni li kienu jeżistu sa dakinhar b'mod partikolari fil-qasam tal-enerġija, tat-telekomunikazzjonijiet u tal-kompetizzjoni, huwa kompatibbli ma din id-direttiva?

2) Ir-rekwiżiti ta' 'indipendenza' tal-[ARN] fil-qasam ta' netwerks u ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, li għalihom jagħmlu riferiment l-Artikoli 3(2) u 3a tad-[Direttiva-Qafas] għandhom ikunu analogi għal dawk imposti mill-awtoritajiet nazzjonali ta' supervizjoni tal-protezzjoni tad-data personali dis-sens tal-Artikolu 28 tad-Direttiva 95/46[…]?

3) Il-ġurisprudenza li tinsab fis-sentenza […] tat-8 ta' April 2014 [Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-288/12, EU:C:2014:237),] tista' tiġi applikata għal każ fejn il-persuni responsabbli għal [ARN] tat-telekomunikazzjonijiet jingħataw is-sensja qabel ma jintemm il-mandat tagħhom minħabba qafas legali ġdid li joħloq awtorità ta' superviżjoni li tiġbor taħtha diversi [ARN] ta' setturi rregolati? Din is-sensja antiċipata, biss minħabba d-dħul fis-seħħ ta' liġi nazzjonali ġdida u mhux minħabba l-għajbien *ex post* tar-rekwiżiti *ratione personae* tal-aġenti tagħhom, li kienu ġew stabbiliti minn qabel fid-dritt nazzjonali, tista' titqies kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(3a) tad-[Direttiva-Qafas]?"

III – Analiżi tiegħi

26. Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Direttiva-Qafas għandhiex tiġi interpretata fis-sens li l-amalgamazzjoni ta' ARN, fil-kuntest ta' riforma istituzzjonali, ma' awtoritajiet regolatorji oħra, bħalma huma dawk tal-kompetizzjoni, tas-settur postali jew tas-settur tal-enerġija, tiksirx ir-rekwiżiti previsti fid-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva dwar, b'mod partikolari, l-indipendenza, il-kapaċità u l-kompetenza teknika ta' dik l-ARN.

27. Bit-tieni u t-tielet domandi, li, fil-fehma tiegħi, għandhom jiġu ttrattati flimkien, il-qorti tar-rinviju tfittex li tkun taf, essenzjalment, jekk l-Artikolu 3(3b) tad-Direttiva-Qafas għandux jiġi interpretat fis-sens li t-terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol tal-president u ta' kunsillier ta' ARN qabel ma jintemm il-mandat tagħhom, wara riforma istituzzjonali li jkollha l-effett li tamalgama dik l-ARN ma' awtoritajiet regolatorji oħra, jippreġudikax il-garanzija ta' indipendenza ta' dik l-ARN.

28. L-ewwel domanda li saret mill-qorti tar-rinviju twassalni, fil-verità, sabiex neżamina l-kwistjoni, fid-dawl tal-awtonomija istituzzjonali li minnha jgawdu l-Istati Membri f'dan il-qasam, dwar kemm huma għandhom marġni ta' diskrezzjoni għall-finijiet ta' organizzazzjoni u ristrutturazzjoni tal-ARN tagħhom.

29. Id-Direttiva-Qafas ma tqiegħed l-ebda rekwiżit dwar il-forma li għandha tingħata lil ARN. L-Artikolu 2(g) ta' din id-direttiva jiddefinixxi l-ARN bħala "l-korp jew korpi fdati minn Stat Membru b'xi wieħed mix-xogħlijiet regolatorji assenjati f'din id-direttiva jew fid-direttivi speċifiċi". Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, jekk l-Istati Membri jgawdu fil-qasam awtonomija istituzzjonali fl-organizzazzjoni u r-ristrutturazzjoni tal-ARN tagħhom, fis-sens ta' dik id-dispożizzjoni, madankollu din tista' tiġi eżerċitata biss fl-osservanza sħiħa tal-għanijiet u tal-obbligi ffissati mid-Direttiva-Qafas [12].

12 — Ara s-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, KPN (C-85/14, EU:C:2015:610, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30. Hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet li d-Direttiva 2002/22/KE [13] ma topponix bħala prinċipju, minnha nnifisha, li l-leġiżlatur nazzjonali jintervjeni fil-kwalità ta' ARN fis-sens tad-Direttiva-Qafas jew anki li Stat Membru jattribbwixxi kompitu riżultanti mill-applikazzjoni tal-qafas regolatorju applikabbli għas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għal diversi organi, sakemm, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, dawn l-organi jissodisfaw r-rekwiżiti ta' kompetenza, indipendenza, imparzjalità u ta' trasparenza previsti bl-imsemmija direttivi u li d-deċiżjonijiet li huma jieħdu fil-kuntest ta' dawk il-funzjonijiet ikunu suġġetti għal appelli effettivi quddiem organu indipendenti tal-partijiet interessati [14]. Hekk ukoll, il-funzjonijiet ta' assenjazzjoni tar-riżorsi nazzjonali ta' numerazzjoni kif ukoll ta' ġestjoni tal-pjani nazzjonali ta' numerazzjoni, funzjonijiet mogħtija lill-ARN, jistgħu jiġu diviżi bejn diversi awtoritajiet regolatorji indipendenti, inklużi awtoritajiet ministerjali, bil-kundizzjoni li t-tqassim tal-kompiti jkun debitament ippubblikat, faċilment aċċessibbli u nnotifikat lill-Kummissjoni [15].

31. Jirriżulta minn din il-ġurisprudenza li, fil-kuntest tal-awtonomija istituzzjonali tagħhom, l-Istati Membri jgawdu minn marġni wiesa' ta' manuvra fl-organizzazzjoni u r-ristrutturazzjoni tal-ARN tagħhom, li għandha l-limiti tagħha fl-osservanza tar-rekwiżiti u tal-garanziji previsti mid-Direttiva-Qafas.

32. Għalhekk, konformement mal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva-Qafas, l-organu nazzjonali nkarigat mit-twettiq tal-kompiti assenjati minnha lill-ARN għandu jkun ġuridikament distint u funzjonalment indipendenti minn kull organizzazzjoni li tiżgura l-provvista ta' netwerks, ta' apparat jew ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jekk ikun il-każ, l-Istat Membru għandu jiżgura s-separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjoni ta' regolazzjoni, minn naħa, u tal-attivitajiet inerenti għall-proprjetà jew għad-direzzjoni tal-impriżi li jiżguraw il-provvista tan-netwerks u/jew ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, min-naħa l-oħra.

33. Barra minn hekk, għall-finijiet tal-osservanza tar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva-Qafas, dan l-organu għandu jkun jista' jeżerċita l-kompiti assenjati minnha lill-ARN b'mod imparzjali, trasparenti u f'waqtu, u għandu, wkoll, igawdi mir-riżorsi finanzjarji u umani neċessarji sabiex iwettaq dawn il-kompiti.

34. Għalhekk, jien tal-fehma li xejn ma jopponi, bħala prinċipju, li l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tipprovdi li ARN tiġi amalgamata ma' organi regolatorji oħra u li dawn ilkoll flimkien jifformaw entità waħda, kif tipprevedi l-liġi Spanjola. Il-qorti nazzjonali għandha, madankollu, tivverifika li l-kompiti fdati mid-Direttiva-Qafas lill-ARN ikunu eżerċitati fl-osservanza tar-rekwiżiti u tal-garanziji previsti minn dik id-direttiva.

35. Fl-aħħar mill-aħħar, il-mudell Spanjol ma huwiex xi eċċezzjoni fi ħdan l-Unjoni. Fil-fatt, il-Grand Dukat tal-Lussemburgu u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi wkoll għandhom organu uniku li għandu l-funzjoni li jirregola diversi setturi, bħalma huma dawk tat-trasport, tal-gass, tal-enerġija, tas-servizzi postali jew ukoll tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Fir-Renju Unit, l-uffiċċju tal-komunikazzjoni għandu l-funzjoni li jissorvelja s-suq tas-setturi tat-televiżjoni, tar-radju u tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Fil-Belġju, fil-Greċja, fi Franza, fis-Slovakkja u fl-Isvezja, organu wieħed huwa nkarigat mir-regolazzjoni tas-settur tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet [16].

13 — **Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali)** (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 367), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU L 137, p. 11).

14 — Ara s-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2010, Base *et* (C-389/08, EU:C:2010:584, punt 30), kif ukoll tas-17 ta' Settembru 2015, KPN (C-85/14, EU:C:2015:610, punt 57).

15 — Ara s-sentenza tas-6 ta' Marzu 2008, Comisión del Mercado de las Telecomunicaciones (C-82/07, EU:C:2008:143, punti 25 sa 27).

16 — Ara s-sit internet tal-Autorité de régulation des communications électroniques et des postes (awtorità regolatorja għall-komunikazzjonijiet elettroniċi u postali) fuq is-sit li ġej: http://www.arcep.fr/index.php?id=11270#c21478.

36. Konsegwentement, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nħoss li d-Direttiva-Qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li ma topponix l-amalgamazzjoni ta' ARN, fil-kuntest ta' riforma istituzzjonali, ma' awtoritajiet regolatorji oħra, bħalma huma dawk tal-kompetizzjoni, tas-settur postali jew tas-settur tal-enerġija, sakemm il-kompiti fdati mid-direttiva lill-ARN ikunu jistgħu jiġu eżerċitati fl-osservanza tar-rekwiżiti u tal-garanziji previsti minnha, ħaġa li għandha tkun il-qorti nazzjonali li tivverifika.

37. Issa li ġie stabbilit dan, jeħtieġ li f'din il-kawża tiġi eżaminata l-kwistjoni jekk, wara din ir-riforma istituzzjonali, it-terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol tal-president u ta' kunsillier tal-ARN qabel ma jintemm il-mandat tagħhom kellhiex ir-riżultat li tippreġudika l-garanzija tal-indipendenza ta' dik l-ARN.

38. B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-Direttiva 95/46 tistax tiġi trasposta għal din il-kawża. Fil-fatt, fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-8 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-288/12, EU:C:2014:237), il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, kienet mitluba, b'mod partikolari, teżamina jekk ir-rekwiżit, previst bit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(1) ta' dik id-direttiva, li jirrikjedi li jiġi ggarantit li l-awtorità tal-istħarriġ kompetenti mis-sorveljanza tal-ipproċessar tad-data teżerċita b'indipendenza sħiħa l-missjonijiet li hija fdata bihom jimplikax l-obbligu tal-Istat Membru kkonċernat li josserva t-tul tal-mandat ta' tali awtorità sat-tmiem tiegħu previst inizjalment [17].

39. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-awtoritajiet ta' superviżjoni kompetenti għas-sorveljanza tal-ipproċessar tad-data personali għandhom igawdu minn indipendenza li tippermettilhom li jeżerċitaw il-missjonijiet tagħhom mingħajr ma jkunu suġġetti għal influwenza esterna, li għalhekk teskludi b'mod partikolari kull ordni jew kull influwenza esterna oħra fi kwalunkwe forma, indipendentement minn jekk din tkunx diretta jew indiretta, li jkunu jistgħu jorjentaw id-deċiżjonijiet tagħhom u li jkunu jistgħu jmorru kontra l-kisba, minn dawn l-awtoritajiet, tal-kompitu tagħhom li jikkonsisti f'li jiġi stabbilit ekwilibriju ġust bejn il-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja privata u l-moviment liberu ta' din id-data [18]. Għall-Qorti tal-Ġustizzja, is-sempliċi riskju li l-awtoritajiet ta' tutela tal-Istat jistgħu jeżerċitaw influwenza politika fuq id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet ta' superviżjoni huwa biżżejjed sabiex jiġi ostakolat l-eżerċizzju indipendenti tad-dmirijiet tagħhom, billi, tgħid il-Qorti tal-Ġustizzja, tista' tirriżulta "ubbidjenza mistennija" ta' dawn l-awtoritajiet u suspett ta' parzjalità [19].

40. Kien għalhekk li f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "kieku kien permess li kull Stat Membru jittermina l-mandat ta' awtorità ta' sorveljanza qabel it-terminu previst inizjalment ta' din tal-aħħar mingħajr ma josserva r-regoli u l-garanziji stabbiliti minn qabel għal dan l-għan mil-leġiżlazzjoni applikabbli, it-theddida ta' tali terminazzjoni antiċipata li tkun għalhekk suġġetta għaliha din l-awtorità matul l-eżerċizzju tal-mandat tagħha tista' twassal għal forma ta' obbedjenza ta' din tal-aħħar għall-poter politiku, li hija inkompatibbli mal-imsemmi rekwiżit tal-indipendenza […]. Dan huwa minnu wkoll meta t-terminazzjoni antiċipata tal-mandat tirriżulta minn ristrutturazzjoni jew tibdil tal-mudell, li għandhom jiġu organizzati b'mod li jkunu josservaw ir-rekwiżiti tal-indipendenza imposti mil-leġiżlazzjoni applikabbli" [20].

41. Għall-Gvernijiet Spanjol, Belġjan u Olandiż kif ukoll għall-Kummissjoni, id-differenzi fundamentali bejn il-kompiti assenjati, minn naħa, lill-awtoritajiet ta' kontroll tal-protezzjoni tad-data ta' natura personali u, min-naħa l-oħra, lill-ARN għandhom jiġġustifikaw l-għoti, f'din il-kawża, ta' tifsira tal-kunċett ta' indipendenza differenti minn dik mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza msemmija hawn fuq.

17 — Sentenza tat-8 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-288/12, EU:C:2014:237, punt 50).

18 — Sentenza tat-8 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-288/12, EU:C:2014:237, punt 51).

19 — Sentenza tat-8 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-288/12, EU:C:2014:237, punt 53).

20 — Sentenza tat-8 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-288/12, EU:C:2014:237, punt 54).

42. Jekk huwa veru li r-rwol assenjat lill-awtoritajiet ta' kontroll tal-protezzjoni tad-data personali u dak assenjat lill-ARN ifittxu għanijiet differenti, jibqa' dejjem li l-osservanza tal-garanzija ta' indipendenza hija wkoll kundizzjoni essenzjali għall-funzjonament tajjeb tal-ARN. Għalhekk ma nara l-ebda raġuni sabiex tiġi applikata soluzzjoni differenti minn dik applikata fis-sentenza tat-8 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-288/12, EU:C:2014:237).

43. Ma għandhiex tiġi minimizzata l-importanza tar-regolazzjoni tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li, b'mod partikolari, jinvolvu direttament il-libertà ta' komunikazzjoni u l-protezzjoni tal-konsumaturi. Għalhekk, l-indipendenza tal-ARN għandha tkun effettiva fil-konfront mhux biss tal-atturi ekonomiċi imma wkoll tal-atturi politiċi. Fl-aħħar mill-aħħar dan jirriżulta kjarament mit-test innifsu tad-dritt tal-Unjoni.

44. Fil-fatt, l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva-Qafas jindika li l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali billi jiżguraw li huma legalment distinti minn u funzjonalment indipendenti mill-organizzazzjonijiet kollha li jipprovdu n-networks, tagħmir jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Fir-rigward tal-Artikolu 3(3b) ta' dik id-direttiva, li kien ġie miżjud bid-Direttiva 2009/140/KE [21], jirriżulta mill-premessa 13 ta' din tal-aħħar li, b'din iż-żieda, il-leġiżlatur tal-Unjoni xtaq preċiżament isaħħaħ l-indipendenza tal-ARN, "[billi ssir] dispożizzjoni espressa fil-liġi nazzjonali biex jiġi żgurat li, fl-eżerċizzju tal-kompiti tagħha, l-ARN responsabbli għar-regolament tas-suq *ex ante* jew għar-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet bejn impriżi *tkun protetta mill-interventi esterni jew pressjoni politika* li jistgħu jippreġudikaw l-evalwazzjoni indipendenti tagħha ta' materji li jiġu quddiemha" [22]. U l-leġiżlatur tal-Unjoni jispjega li "[d]in l-influwenza esterna tirrendi l-entità *leġiżlattiva* nazzjonali mhux adatta biex taġixxi bħala [ARN] taħt il-qafas regolatorju".

45. Fid-dawl tal-funzjoni ta' regolament attribwita lill-ARN u tal-kompetenzi li huma mogħtija lilha għal dan l-għan, il-volontà tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jsaħħaħ il-garanzija tal-indipendenza tal-ARN ma hijiex sorprendenti. Fil-fatt, infakkar li l-ARN, fil-kuntest tal-kompiti mogħtija lilhom bid-Direttiva-Qafas, huma msejħa, b'mod partikolari, sabiex jassenjaw drittijiet individwali [23] u sabiex jirregolaw il-kwistjonijiet bejn impriżi bil-possibbiltà li jimponu obbligi [24]. Huma jgawdu wkoll minn ċertu setgħa regolatorja billi huma msejħa jikkontrollaw il-prezzijiet [25] jew anki jadottaw miżuri korrettivi jekk iqisu li s-suq ma huwiex kompetittiv billi jimponu obbligi fuq l-impriżi li għandhom saħħa sinjifikattiva fuq dan is-suq [26]. Għalhekk huma jgawdu minn setgħa wiesgħa, kif fakkret il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Diċembru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C 424/07, EU:C:2009:749) [27].

46. Għalhekk jidher fundamentali li l-garanzija ta' indipendenza tkun osservata u li l-ARN ikunu jistgħu jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom b'imparzjalità u mingħajr pressjoni esterna, u dan iktar u iktar meta l-Istat Membru jkun żamm il-proprjetà jew il-kontroll ta' impriżi li jiżguraw il-provvista ta' netwerks u/jew ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà enfasizzat dan fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-518/07, EU:C:2010:125), li fiha hija kienet indikat li dawn l-awtoritajiet indipendenti – f'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx qed

21 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009, li temenda d-Direttivi 2002/21/KE dwar qafas regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, 2002/19/KE dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati, u 2002/20/KE dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (GU L 337, p. 37).

22 — Korsiv miżjud minni.

23 — Ara, b'mod partikolari, l-Artikoli 9 sa 11 tad-Direttiva-Qafas. Ara wkoll id-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 337), kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE.

24 — Ara l-Artikolu 20 tad-Direttiva-Qafas.

25 — Ara l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva tal-Aċċess) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 323), kif emendata bid-Direttiva 2009/140.

26 — Ara l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2002/22 kif emendata.

27 — Ara l-punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata.

tirreferi biss għall-awtoritajiet ta' kontroll kompetenti mis-sorveljanza tal-ipproċessar tad-data personali Ġermaniżi, imma wkoll awtoritajiet amministrattivi oħra eżistenti fis-sistema ġuridika Ġermaniża – sikwit ikollhom funzjonijiet regolatorji jew jeżerċitaw missjonijiet li għandhom ikunu ħielsa mill-influwenza politika, filwaqt li jibqgħu suġġetti għall-osservanza tal-liġi, taħt il-kontroll tal-qrati kompetenti [28].

47. Taħt dan it-titolu, il-kompożizzjoni tal-ARN, it-tul tal-mandat tal-membri tagħhom, u, fuq kollox, l-irrevokabbiltà tagħhom għal motivi oħra li ma humiex previsti mil-liġi huma wkoll garanziji kontra eventwali pressjonijiet esterni. Meta, fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3b) tad-Direttiva-Qafas, ipprovda li l-kap tal-ARN jew is-sostitut tiegħu jew, jekk ikun il-każ, il-membri tal-kunsill li jeżerċitaw din il-funzjoni fi ħdan l-ARN jew is-sostituti tagħhom ma jistgħux jiġu tterminati r-relazzjoni tax-xogħol tagħhom għal raġunijiet li ma humiex previsti mil-liġi jew għaliex huma ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-ħsieb li jiggarantixxi l-ARN billi jqiegħed lilhom jew lil-membri ġudikanti tagħhom lil hinn minn kull pressjoni esterna, u b'mod partikolari dik konsistenti mit-theddida – anki mhux espliċitu – tat-tmiem anticipat tal-mandat għal motivi oħra li ma humiex previsti mil-liġi.

48. It-terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol antiċipata tal-kap ta' ARN, bħal f'dan il-każ, u, potenzjalment, dik ta' wieħed mill-kunsilliera għall-motiv biss li l-Istat Membru għażel li jimmodifika l-mudell istituzzjonali ta' dik l-ARN jistgħu għalhekk jikkostitwixxu ksur tal-garanzija ta' indipendenza tagħha.

49. Kif tista', f'dan il-każ, l-awtonomija istituzzjonali li jgawdi kull Stat Membru tiġi rikonċiljata mal-garanzija ta' indipendenza?

50. Fis-sentenza tagħha tat-8 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-288/12, EU:C:2014:237), il-Qorti tal-Ġustizzja kienet indikat li t-terminazzjoni antiċipata tal-mandat ta' awtorità ta' sorveljanza jippreġudika l-garanzija ta' indipendenza u "[d]an huwa minnu wkoll meta [dik] it-terminazzjoni […] tirriżulta minn ristrutturazzjoni jew tibdil tal-mudell, *li għandhom jiġu organizzati b'mod li jkunu josservaw ir-rekwiżiti tal-indipendenza imposti mil-leġiżlazzjoni applikabbli*" [29]. Minn dan jien nikkonkludi li r-ristrutturazzjoni jew it-tibdil tal-mudell ta' awtorità ta' sorveljanza jew, f'dak li jikkonċernana, ta' ARN ma humiex għalhekk neċessarjament inkompatibbli mal-osservanza tal-indipendenza ta' dik l-ARN.

51. F'dan ir-rigward, fid-dawl tal-ġurisprudenza msemmija hawn fuq, jien naħseb li dispożizzjonijiet tranżitorji li jippermettu li tiġi żgurata l-garanzija tal-indipendenza ta' ARN filwaqt li jippreparaw ir-ristrutturazzjoni tagħha jistgħu jiġu implementati mill-Istat Membru kkonċernat.

52. F'dan il-każ, ninnota li fl-2011, il-Gvern Spanjol kien ippreveda dawn id-dispożizzjonijiet, qabel ma dawn kienu ġew imħassra bil-Liġi 3/2013. Fil-fatt, id-disa' dispożizzjoni addizzjonali tal-Liġi 2/2011 dwar l-adattament tal-kompożizzjoni tan-numru ta' membri tal-kunsilli tal-organi regolatorji u tal-kummissjoni nazzjonali tal-kompetizzjoni kienet tipprovdi miżuri tranżitorji li kienu jippermettu preċiżament il-preparazzjoni tar-riforma li dik il-liġi kienet timplementa filwaqt li kienet tiggarantixxi t-tul tal-mandat tal-presidenti kkonċernati. Għalhekk, skont dik il-liġi, il-ħatra ta' presidenti ġodda kellha sseħħ fl-iskadenza tal-mandat tal-presidenti fil-kariga u l-kunsilliera ġodda kellhom jinħatru fil-mument meta n-numru ta' kunsilliera fil-kariga li l-mandat tagħhom kien ser jispiċċa kien ser ikun inqas minn sitta. Hekk ukoll, kien previst li fid-dħul fis-seħħ tal-Liġi 2/2011, il-viċi presidenti tal-kunsilli tal-organi regolatorji kellhom jibqgħu jeżerċitaw il-kariga tagħhom sa tmiem il-mandat tagħhom, u wara dan il-kariga ta' viċi president ta' kull organu kellu jitħassar.

28 — Ara l-punt 42.

29 — Punt 54. Korsiv miżjud minni.

53. Jekk, kif jinnota l-Gvern Spanjol, iż-żamma tal-mandat tal-kunsilliera kollha tal-ARN kif ukoll dawk tal-organi regolatorji kollha kkonċernati bir-riforma seta' joħloq entità ġdida għalja u ineffettiva, jien naħseb, madankollu li dispożizzjonijiet tranżitorji li jipprovdu li l-mandat tal-kap tal-ARN jew, jekk ikun il-każ, dak tal-membri tal-kulleġġ li jeżerċita dik il-funzjoni fi ħdanha jitwassal sa tmiemu kien ser jippermetti li tiġi ggarantita l-indipendenza ta' dik l-ARN.

54. Hekk ukoll, jekk il-funzjoni ta' kunsillier ta' ARN tiddistingwi ruħha minn dik tal-kap ta' dik l-awtorità, jibqa' l-fatt li, bħala membru tagħha, dan il-kunsillier kellu jkun jista' jaġixxi wkoll f'indipendenza sħiħa u ma kellux la jitlob u lanqas jaċċetta xi istruzzjoni ġejja minn barra [30]. Billi l-liġi Spanjola kienet tipprevedi għall-kunsilliera l-istess numru limitat ta' kawżi li setgħu jwasslu għat-terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol tagħhom, it-tibdil tal-mudell istituzzjonali li ried il-Gvern Spanjol ma setax, mingħajr dispożizzjonijiet tranżitorji, ikollu l-effett li jittermina purament u sempliċement il-mandat tagħhom. F'dan ir-rigward jidhirli li s-soluzzjoni inizjalment adottata mil-Liġi 2/2011 kienet ser tippermetti l-garanzija tal-indipendenza tal-ARN. Il-qorti nazzjonali għandha għalhekk, fil-fehma tiegħi, teżamina sa fejn organizzazzjoni tal-mandat ta' dawn il-kunsilliera setgħet tiġi implementata b'dispożizzjonijiet tranżitorji.

55. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, inqis li l-Artikolu 3(3b) tad-Direttiva-Qafas għandu jiġi interpretat fis-sens li t-terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol tal-president u ta' kunsillier ta' ARN qabel l-iskadenza tal-mandat tagħhom, wara riforma istituzzjonali li jkollha l-effett li tamalgama dik l-ARN ma' awtoritajiet regolatorji oħra, mingħajr ma jkunu previsti dispożizzjonijiet tranżitorji li jippermettu l-garanzija tal-osservanza tat-tul tal-mandat għal tal-ewwel u organizzazzjoni tal-mandat għat-tieni, tippreġudika l-indipendenza ta' dik l-ARN.

IV – Konklużjoni

56. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, jien nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi magħmula mit-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) kif ġej:

Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru (qafas) regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru [Qafas]), kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma topponix l-amalgamazzjoni ta' awtorità regolatorja nazzjonali, fil-kuntest ta' riforma istituzzjonali, ma' awtoritajiet regolatorji oħra, bħalma huma dawk tal-kompetizzjoni, tas-settur postali jew tas-settur tal-enerġija, sakemm il-kompiti fdati mid-Direttiva 2002/21, kif emendata, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu jistgħu jiġu eżerċitati fl-osservanza tar-rekwiżiti u tal-garanziji previsti minnha, ħaġa li għandha tkun il-qorti nazzjonali li tivverifika.

L-Artikolu 3(3b) tad-Direttiva 2002/21/KE, kif emendata, għandu jiġi interpretat fis-sens li t-terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol tal-president u ta' kunsillier ta' awtorità regolatorja nazzjonali qabel l-iskadenza tal-mandat tagħhom, wara riforma istituzzjonali li jkollha l-effett li tamalgama dik l-awtorità ma' awtoritajiet regolatorji oħra, mingħajr ma jkunu previsti dispożizzjonijiet tranżitorji li jiggarantixxu l-osservanza tat-tul tal-mandat għal tal-ewwel u organizzazzjoni tal-mandat għat-tieni, tippreġudika l-indipendenza ta' dik l-awtorità.

30 — Ara l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(3a) tad-Direttiva-Qafas.